IX-XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru 4 (Erbgħa) tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ġunju, 2013 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Attard Neil |
| Kunsilliera | Borg Mary Doris |
| | Buttigieg Antonia |
| | Azzopardi Joseph |
| | |
| **L-Uffiċjal:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-Minuti u approvazzjoni tagħhom.

   2.1 Il-Minuti nqraw u ġew approvati unanimament. Fl-istess ħin ġew approvati wkoll il-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising

   3.1 Fuq it-tagħlim tat-tfal fis-Sajf, is-Sindku flimkien ma' membri tas-Sotto Kumitat , is-Sinj. Doris Borg u Saviour Borg kellhom laqgħa mal-Head u l-Asst. Head ta' l-iskola tax-Xgħajra. Il-laqgħa kienet suċċess għaliex ir-rappreżentanti tal-iskola kienu ta' għanjuna kbira u offrew il-kollaborazzjoni tagħhom. Ġie deċiż li kemm jista' jkun dawn il-lezzjonijiet ma jfixklux dawk il-lezzjonijiet ta' Skola Sajf.

   Il-klassijiet ser ikunu miftuħin għal tfal bejn il-5 u 7 snin. Is-Sindku qal li biex nilħqu t-tfal kollha l-aħjar nikkuntattjaw il-ġenituri ta' dawk it-tfal ta' dik l-eta' li għandna fid-database speċjalment dawk it-tfal li ma jattendux l-iskola tax-Xgħajra u li jekk hemm xi tfal li għandhom bżonn ta' facilitator naraw kif nistgħu nġibu mid-Dipartiment jew issir xi kontribuzzjoni ta' ħlas għal dan. Ġie deċiż ukoll li tissejjah laqgħa tas-Sotto Kumitat sabiex isir l-ippjanar għal dawn il-lezzjonijiet.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni ta’ l-Infieq ta’ Ġunju

4.1 Il-pagamenti għax-xahar ta’ Ġunju ġew approvati unanimament

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Promenade – Is-Sur Valvo qal li r-railing tax-Xatt kien qiegħed jinżebaħ sa ftit ġranet ilu minn ħaddiema tal-PWD u l-ispejjeż taż-żebgħa ser joħroġhom il-Kunsill, pero’ x-xogħol waqaf minħabba li beda’ joħroġ is-sadid mill-ġdid wara li kien inżebagħ ftit ġimgħat qabel. Is-Sindku qal li issa hemm possibbilta’ li jinbidel kollu flimkien mad-dawl kollu tal-promenade. Dan ser isir wara laqgħa li kellna mal-Perit Borg Grech tal-Public Works.

5.2 Is-Sur Neil Attard qal li għandna bżonn naqtgħu il-ħaxix ta’ quddiem il-Jo Jo’s u s-siġra ta’ Triq Ras il-Ġebel li tmiss mal-grawnd.

Is-Sinj Antonia Buttiġieġ qalet li hemm bżonn li jsir tindif mal-monument li hemm quddiem il-knisja u s-Sinjura Borg issuġġeriment sabiex it-telephone box li hemm ħdejn l-għassa tiċċaqlaq minn fejn qiegħda minħabba xi periklu. Hemm bżonn ukoll li ssir barrier tal-ħadid fi Triq Leonard Mahoney faċċata tal-Yummies u fejn il-każin tal-Labour. Is-Sindku qal li dawn diġa’ qiegħdin imniżżlin fl-lista ta’ xogħolijiet li jridu jsiru u li s-Segretarju qiegħed jikkordina. Hemm minnhom li huma diġa’ ordnati bħal barriers eċċ.

5.3 Is-Sur Valvo qal li għandna bżonn nixtru tank għat-tisqija u nużaw il-van u l-ħaddiema biex nibdew insaqqu.

5.4 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ issuġġeriet li fl-entratura tal-bandli jkollna tabella li tindika l-ħinijiet tal-ftugħ u għeluq u jkun ta’ għajnuna li jkun hemm portable toilet. Is-Segretarju ser jieħu ħsieb dawn.

5.5 Smart City – Is-Sindku qal li minkejja tentattivi biex niffissaw data għal-laqgħa mal-kbarat ta’ SmartCity s’issa għadna bla risposta. Propju llum sar l-opening tas-sezzjoni tal-IT.

Is-Sur Valvo qal li ser ikellem lil Perit Camilleri minn Smart City fuq il-problema

tal-ħsejjes u t-trabijiet li qiegħda tkun ta'nkonvenjent kbir għar-residenti tax-Xgħajra.

5.6 Librerija – Is-sindku qal li s-sinjura Valvo hija l-persuna nkarigata li tieħu ħsieb il-librerija u ilha tagħmel dan għal diversi snin mingħajr ħlas.

5.7 Tabelli mal-promenade – Il-Kunsill qabel li t-tabelli tal-promenade jinbidlu kollha għal tabelli tal-aluminium minħabba li jinsabu kollha sadid. Il-Kunsill qabel ma' l-istima ta' €27 kull tabella.

5.8 Is-Sur Attard issuġġerixxa li nagħmlu sleeping police ħdejn il-Milord kif ukoll waħda fi Triq iċ-Ċern. Is-Sindku qallu li nġibu stima u nagħmluhom. Fuq Triq iċ-Ċern, il-karozzi qiegħdin jitilgħu bis-saħħa u qed ikun ta' periklu. Is-Sindku qal li ltqajna mas-Sinjura Audrey Testaferrata DeNoto tat-traffic u qaltilna li hemm 3 options li huma jew nagħmlu bankina adegwata minn isfel biex tiggwida l-karozzi huma u tilgħin jew inkella nippruvaw bi studs ma' l-art li jiggwidaw il-karozzi bl-istess mod. Option oħra li żgur tnaqqas il-periklu hi li nagħmlu parking fuq naħa waħda tat-triq biss. Qiegħdin nistennew li dawn il-proposti nirċievuhom formali.

5.9 Bankini u toroq pendenti – Is-Sindku qal li rigward il-ftehim li għandna ma' TM fuq bankini u patching ta' toroq kien waqaf fl-elezzjoni pero' għadu ma tkompliex. Jonqosna bankini fi Triq San Gakbu, Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Triq Ras il-Ġebel u Triq Sant'Elija u toroq jonqos parti minn Triq San Ġakbu.

Is-Sur Valvo qal ukoll li għandna pendenti r-rampa tal-Proġett fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja li għada pendenti peress li l-ispiża qabżet il-budget minħabba ċ-ċediment tat-triq huma u jaħdmu.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Attivitajiet u Sotto Kumitati

6.1 Korsijiet tal-kompjuter – Is-Sindku qal li dawn il-korsijiet huma problema biex isiru fix-Xgħajra għaliex il-kuntrattur m'għandux kompjuters biżżejjed biex jarmhom fil-Librerija, għalhekk il-Kunsill qiegħed f'dikussjonijiet mal-iskola primarja tax-Xgħajra u l-Ministeru sabiex nippruvaw nagħmluhom fl-iskola Primarja tax-Xgħajra bl-użu tal-kompjuters tal-iskola.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

6.2 Ħarġa Kulturali - Il-Kunsill qiegħed jorganizza mawra ta' ġurnata għal Sqallija fid-29 ta'Ġunju .

6.3 Cleaning Day – Is-Sur Attard qal li tkellem ma' l-iscouts u tal-futbol biex jorganizzaw din l-attivita' u jgħażlu area fejn m'hemmx periklu għat-tfal minħabba xi siringi.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

7.1 Is-Sinjura Buttiġieġ issuġġeriet biex nitkellmu mal-klabb tal-futbol fuq il-possibbilta' li l-grawnd ikun użat ukoll mit-tfal tax-Xgħajra li mhumiex membri fil-klabb.

Dan anke jekk nallokaw ftit siegħat fil-ġimgħa biex it-tfal ikollhom fejn jimirħu.

Hija ssuġġeriet ukoll li nitolbu laqgħa mal-SSTP ta' Barkat sabiex norganizzaw laqgħa oħra tal-Monitoring Committee.

7.2 Għandna nistaqsu l-Ministeru tas-Saħħa fuq il-possibilta' li ssir swimmers' zone fix-Xgħajra. .

7.3 Is-Sindku nforma l-Kunsill li s-Sur Ranier Busuttil, is-Segretarju Eżekuttiv ġie maħtur ukoll bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' Santa Venera b'seħħ mit-18 ta' Ġunju.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – Aġġornament

8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 24 ta' Lulju, 2013 fil -4.00pm.

_________________________ _________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGHAJRA

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt